**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 280 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Robert Ciappara**

Illum 6 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Robert Ciappara imwieled nhar it-13 t'April, 1975, gewwa l-Awstralja u resident Block T, Flat 8, Trejqet il-Gizimin, Mtarfa, 451700 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Mix-xahar t'April, 2020 sa Awwissu 2020, gewwa l-gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, liema atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat (Artikolu 18 tal-Kapitolu 9):

(1) Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jaghti lil Sarah Margarita Ciappara u/jew lil uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, ta'nhar it-13 ta'Gunju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z), 18 u 31 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta'Malta:

Sabet illi l-imputat Robert Ciappara hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement kkundannatu ghal tlett xhur prigunerija (3) effettivi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Robert Ciappara minnu pprezentat fit-22 ta'Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha TIBDEL, TIRRIFORMA U TIMMODIFIKA s-sentenza appellata, billi tibdel u tirriforma u timmodifika l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill bqija.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu u b'hekk qieghed jinterponi dana l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-AGGRAVJU huwa car u manifest u jikkonsisti f'illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-Esponent ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-Imputat u stante li l-prigunerija tista'tkun ta'detriment ghal sahhet l-Appellant barra t-telf tal-impjieg taghha.

Semghet il-partijiet jitrattaaw il-kawza u dan fis-seduta tal-5 ta' Awwissu, 2022.

**Ikkunsidrat;**

Rat ir-rikors tal-appell fejn *in primis* ir-rikorrenti stqarr li l-manteniment li l-appellant gie kkundannat ihallas kien wiehed gholi hafna u peress li l-kwerelanti kienet qed tirraportah ta' spiss ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment huwa spicca tilef l-impieg tieghu u in oltre stqarr li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet wahda ecccessiva wisq.

Rat ix-xhieda moghtija mill-kwerelanti **Sara Ciappara** nhar id-19 ta' April 2021 u din ikkonfermat li l-Qorti tal-Familja kienet harget digriet numru 165/2018 JPG sabiex zewgha l-appellant ihallas is-somma ta' erbgha mitt euro (€400) manteniment ghal minuri Liam li ghandhom in komuni u mitejn euro (€200) ghaliha. Dan id-digriet inhareg f'Marzu 2019 u kopja tieghu jinsab esebita fl-atti u markat bhala dok SMC1. Ikkonfermat li minkejja dan id-digriet l-appellant qatt ma hallasha il-manteniment dovut minn Marzu 2019 sal gurnata meta xehdet, l-appellant baqa' inadempjenti.

Illi nhar it-13 ta' Gunju 2022 regghet xehdet u kkonfemat dak kollu li kienet qalet fis-seduta precedenti. Ikkonfermat li ghandhom zewgt itfal, iz-zghir Liam li kellu erbatax il-sena meta xehdet u tifla li kellha 23 sena. Ikkonfermat li mid-data tad-digret u cioe minn Marzu 2019 sal-gurnata ta' meta xehdet zewghha l-appellant ma hallashiex il-manteniment dovut.

Rat l-affidavit ta' **PC 1037 S Mifsud** fejn dan ikkonferma li nhar l-10 ta' Settembru 2020 ghall-habta tal-16.35 p.m. Sara Ciappara rraportat gewwa l-ghassa tal-pulizja tal-Hamrun li zewgha l-appellant naqas li jaghtiha l-manteniment dovut skond id-digiet mahrug mill-Qorti tal-Familja ghal perijodu ta' hames xhur u cioe April, Mejju, Gunju, Lulju u Awwissu 2020. Ikkonfermat li hija ma rceviet l-ebda pagament ghax-xhur Marzu u April 2019.

Il-Pulizija tad-distrett ghamlet kuntatt mal-appellant fuq il-mobile tieghu izda dan ma wegibx. Iktar tard dan ghamel kuntatt mal-ghassa wara li kien ircieva letter to call. Nhar it-12 ta' Settembru 20020 ghall-habta tas-02.25 fejn wara li gie moghti d-dritt tieghu li jkellem l-avukat u ghazel li jirrifjuta tali dritt u fil-fatt anke ffirma dikjarazzjoni f'dan ir-rigward. Mistoqsi jekk fil-fatt kienx hallas il-manteniment dovut huwa wiegeb li ma hallasx il-manteniment dovut ghaliex kien ilu ma jara lit-tifel ghal madwar sena u nofs. Qal li pero jaghtih affarijiet li ikollu bzonn bhal xi *play station*. Stqarr li lanqas in-nanna paterna ma rat lil dan it-tifel ghal zmien twil. Qal ukoll li jekk jaghti l-manteniment li gie kkundannat ihallas ma jibqalu xejn biex jghix.

Rat l-okkorrenza esebita fl-atti a fol 30 markata bhala dok JM1 redatta minn PC 1202 Ryan Magro fejn fiha hemm ir-rapport li ghamlet Sara Ciappara fil-konfront tal-appellant u partikolament talli naqas li ihallasha il-manteniment dovut ghall-perijodu ta' hames xhur partikolarment April, Mejju, Gunju, Lulju u Awwissu 2020 u b'hekk kellu jaghtiha s-somma ta' tlett elf euro (€3,000).

Hija pproduciet id-digriet numru 165/2018 JPG fejn il-Qorti tal-Familja ordnat li kull tlettax tax-xahar l-appellant ghandu ihallas is-somma ta' sitt mitt euro ( €600) manteniment ghal kwerelanti u ghal binhom minuri Liam li kellu hdax-il sena.
Il-pulizija tkelmet ma l-appellant u gie moghti d-drittijiet tieghu u cioe d-dritt li jkun assistit minn Avukat izda irrifjuta dan id-dritt. Mistoqsi jekk fil-fattt kienx hallas il-manteniment huwa stqarr li kien lest li ihallas il-manteniment tat-tifel izda mhux ta' martu u qal li jekk trid il-flus kellha tohrog tahdem hi stess ghalihom.

**Ikkunsidrat;**

Il-pulizija ghamlet l-almu taghha biex tikkomunika mal-appellant izda ma rnexxilhiex.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Awwisu 2022 fejn huwa hallas is-soma ta' €3,000 lill-kwerelanti seduta stante u in segwitu semghet lill-kwerelanti tiddikjara li m'ghadx ghandha interess fl-esitu ta' dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija wahda eccessiva u jressaq diversi ragunijiet ghala kellha tinghata piena aktar miti;

Illi tajjeb li jkun osservat *in primis* illi l-ewwel Qorti kkominat piena li hija fil-parametri ghar-reat li dwaru l-imputat instab hati u kif kostantement deciz minn din il-Qorti, ma huwiex normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'juri li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata. Irid jinghad, izda, illi f'kawzi ta' mertu konsimili, l-ghan tal-legislatur ikun milhuq meta l-imputat jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti jew mal-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas dak il-manteniment li hu intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti civile. U f'dan ir-rigward ta' spiss issir eccezzjoni u hekk ser isir f'dawn il-proceduri wara li l-parte civile ddikjarat illi fil-mori irceviet il-hlas kollu lilha dovut;

Issa ghalkemm mill-fedina penali tieghu l-imputat ma jistghax jitqies li huwa *first time offender,* ghal-raguni moghtija supra dik il-parti tas-sentenza erogabbli l-piena timmerita li tkun varjata u dan b'eccezzjoni ghall-principju mghoddi in rassenja aktar kmieni;

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti li biha l-imputat kien ikkundannat ghal terminu ta' tlett (3) xhur prigunerija u minflok, fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti fissret fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur